# Ħadd it-Trinità Qaddisa - 7 ta' Ġunju 2020

*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla,*
*u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu.*




Alla huwa Imħabba, u għax huwa Imħabba, huwa Trinità, tliet persuni distinti imma Alla wieħed. Aħna ġejna maħluqa fuq ix-xbieha ta' Alla, Il-ħajja hija sabiħa meta nghixu r-relazzjonijiet ta' bejnietna bi mħabba vera, mhux biss ngħixu maġenb xulxin imma ngħixu ma xulxin, fil-qalb ta' xulxin.

**Ejjew inkomplu nitolbu għal xulxin, filwaqt li nipparteċipaw flimkien fil-Quddiesa tal-Ħadd fid-9.30am fuq TVM2.**

---

# Liturġija tad-Dar fil-Familja



“Hekk ħabb ... li ta.”

Ħadd it-Trinita Qaddisa 2020

## Il-Quddiesa tal-Ħadd mill-Grotta ta’ San Pawl – 7 ta’ Ġunju, 9:30am



Il-Ħadd 7 ta’ Ġunju 2020, Solennità tat-Trinità Qaddisa, waqt Quddiesa mill-Grotta ta’ San Pawl, l-Arċisqof Charles Jude Scicluna ser iniedi d-dokument ‘Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed’ – dokument li jagħti l-viżjoni tal-Knisja f’Malta u l-proċess ta’ tiġdid tal-Knisja ispirat minn din il-viżjoni. Il-Quddiesa tibda fid-9:30am u tixxandar fuq TVM2 u knisja.mt.

## Riżorsi għat-tfal

be kids

## The Ascension of the Lord



**Għal tfal ta' bejn 4 u 7 snin**

Għal tfal ta' bejn 8 u 11-il sena

## Festa tat-Trinità - Riflessjoni



Reflection by Fr Bernard Falzon MSSP on Trinity Sunday.

## Qari tal-Quddiesa

Il-Qari bil-Malti

English version of Daily Readings

**TQARBINA TAX-XEWQA**

Din it-talb hija għal meta persuna tixtieq titqarben, imma minħabba raġuni jew oħra ma tkunx tista', eżempju f'każ ta' mard.

Ġesù, jiena nemmen li Inti tinsab tabilħaqq fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija.

Irrid inħobbok fuq kollox u fuq kulħadd.

Inti taf li nixtieq nirċevik ġewwa fija.

Imma ġaladarba bħalissa ma nistax nilqgħek ġewwa fija sagramentalment, nitolbok li tiġi fija spiritwalment.

Ejja għandi Ġesù tiegħi, biex jiena niġi għandek.

Ħeġġiġni bl-imħabba għalik biex f'ħajti u f'mewti jiena nemmen fik, nitma fik u nibqa' nħobbok għal dejjem.

---

# Miżuri Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi




**Jibda mill-ġdid il-Quddies bil-preżenza tal-pubbliku**

Id-dispensa tal-obbligu tal-Quddies tal-Ħadd tibqa' fis-seħħ.

Aqra d-dokument dwar dawn il-miżuri hawn.